**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Referenza Kostituzzjonali Numru:- 637/2022 JVC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Mark Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza magħmula permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datat d-29 ta' Novembru, 2022 fejn permezz tiegħu dik il-Qorti, wara li qieset illi t-talba tar-rikorrent hi wahda li timmerita referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat illi l-kwistjoni tintbgħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat kif isegwi:

> 'Tilqa' t-talba sabiex ikun hemm referenza skont l-Artikolu 46 (3) tal-Kostitjuzzjoni ta' Malta u sabiex jiġi deciż jekk il-prinċipju ta' rijabilitazzjoni li fuqu huwa msejjes l-Att 537 għandu japplika b'mod indiskriminanti għal kull persuna imputata li tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess Att u cioe' rrispettivament mill-fatt jekk dak li jkun ikunx akkużat li kkommetta r-reat rigward jew gewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jew le.
>
> Għandu jigi deciż jekk kif inhi l-liġi preżentement inħolqotx kategorija specifika u diskriminatorja li tiddistingwi bejn persuni.' (esebit a fol. 5 tal-process)

Rat ir-rikors ta' Mark Pace fil-vesti ta' appellant fl-atti kriminali kontra tiegħu bin-numru 16/2020 a fol. 2 et seq. tal-process.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali għar-referenza datata l-5 ta' Diċembru, 2022 fejn permezz tagħha wieġeb kif isegwi:

'**<u>L-Isfond</u>**

1. Illi Mark Pace kien akkużat talli:

"Nhar is-27 ta' Jannar, 2019, ġewwa Div. 6, Ċella 9, fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordina, Paola, Malta, kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (5F-ADB), mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha."

Apparti minn hekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ntalbet tapplika wkoll l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 u biex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

2. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-22 ta' Settembru, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet il-kawża billi ddikjarat:

"Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli l-artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(ii), u t-tielet skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 5 ta' l-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah xhur (6) priġunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €147.50 rappreżentanti spejjeż rinkorsi mal-ħatra ta' esperti. In konklużjoni qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti ta' l-inkjesta u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur ta' din il-Qorti li għandu jirrediġi proċes verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni."

3. Illi Mark Pace appella minn din is-sentenza. Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, hu ppreżenta rikors fejn ta diversi raġunijiet għaliex fil-fehma tiegħu sofra minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għalhekk talab lill-istess qorti tagħmel referenza kostituzzjonali.

4. Illi permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat li ssir referenza kostituzzjonali taħt dawn il-parametri:

"Tilqa' t-talba sabiex ikun hemm referenza skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan sabiex jiġi deċiż jekk il-prinċipju ta' rijabilitazzjoni li fuqu huwa msejjes l-Att 537 għandu japplika b'mod indiskriminanti għal kull persuna imputata li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-istess Att u cioè rrispettivament mill-fatt jekk dak li jkun ikunx akkużat li kkommetta r-reat rigward jew ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin jew le.

Għandu jiġi deċiż jekk kif inhi l-liġi preżentement inħolqotx kategorija speċifika u diskriminatorja li tiddistingwi bejn persuni."

**<u>Eċċezzjonijiet</u>**

5. Illi qabel xejn, l-esponent josserva li r-referenza kostituzzjonali ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali li hemm stabbiliti fil-L.S. 12.09, liema regolamenti jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandu jkollha kull ordni ta' referenza kostituzzjonali. Ir-Regolament 5(1) tal-imsemmija Liġi Sussidjarja jipprovdi:

"Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 95(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ordni li bih kwistjoni tiġi mibgħuta għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta' dik il-

kwistjoni, **u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ikun il-każ, li jkunu allegatament ġew miksura**." [Enfasi tal-esponent]

Mhuwiex fil-kompitu, la tal-esponent, la ta' xi waħda mill-partijiet u lanqas ta' din l-Onorabbli Qorti li jittentaw jidentifikaw liema huma d-drittijiet fundamentali li l-qorti referenti tqis li setgħu ġew miksura jew jistgħu jiġu miksura, peress li din hi kompetenza li tispetta biss lill-qorti referenti. Għaldaqstant, **imqar għall-korrettezza u l-preċiżjoni li jeżiġi r-Regolament 5(1) tal-L.S. 12.09**, l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għanda tibgħat lura l-ordni ta' referenza lill-qorti referenti sabiex tintegrah bir-rekwiżiti kollha kif kontemplati fir-regolament surreferit.[1]

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tqis li mhuwiex neċessarju li r-referenza tintbagħat lura lill-qorti referenti għall-kjarifika, qed jiġi sottomess is-segwenti **fil-mertu**.

7. Illi kif diġà ngħad, il-qorti referenti ma speċifikatx preċiżament x'inhuma l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li jista' jkun hemm ksur tagħhom. Madankollu iżda,

[1] Ara per eżempju, verbal datat 5 ta' Diċembru, 2019 tal-każ Kevin Pace vs. Mariella Hammett [Referenza Kostituzzjonali 82/2019 RGM].

huwa ċar mid-diċitura tad-digriet tal-qorti referenti li hi preokkupata b'jekk hemmx trattament diskriminatorju li jista' jkun bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Konsegwentement, il-mertu tal-każ ser jiġi eżaminat taħt il-lenti tal-**Artikolu 45** tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-**Artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li huma dawn iż-żewġ artikoli fil-Kostituzzjoni u fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta li b'mod speċifiku jittrattaw il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. L-esponent qiegħed minn issa jirriżerva li jippreżenta risposta ulterjuri fl-eventwalità li artikoli oħra tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jkunu ser jiġu mistħarġa f'din ir-referenza kostituzzjonali.

8. Illi fil-każ odjern, l-artikolu tal-liġi li qiegħed effettivament jiġi impunjat huwa l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537. Dan l-artikolu jaqra:

"13. Dan l-Att m'għandux japplika:

(a) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet

li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

(b) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva."

9. Illi bħala punt preliminari għalhekk, ta' min josserva li l-Artikolu 13 tal-Kap. 537 mhuwiex joħloq kategoriji differenti ta' **persuni** iżda sempliċiment qed joħloq ċirkostanza, **mhux marbuta mal-persuna**, ta' meta d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 537 ma jistgħux jiġu invokati.

10. Illi in kwantu għall-**Artikolu 45** tal-Kostituzzjoni, dan ċertament ma japplikax għall-każ odjern. Dan l-artikolu jipproteġi l-individwu mid-diskriminazzjoni, u preċiżament x'jikkostitwixxi diskriminazzjoni huwa spjegat fis-subartikolu (3):

"(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal

inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn."

11. Illi minn dan jirriżulta li meta persuna tallega li sfat vittma ta' diskriminazzjoni taħt l-Artikolu 45, hi trid tindika abbażi ta' xiex hi sofriet dik id-diskriminazzjoni. Hi trid turi li ġiet trattata b'mod differenti minn ħaddieħor minħabba r-razza, post ta' oriġini, opinjoni politika, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha. Il-lista indikata fl-Artikolu 45 hi waħda eżawrjenti; ma tistax tirnexxi azzjoni bbażata fuq l-Artikolu 45 mingħajr ma jintwera li kien hemm trattament differenti abbażi ta' wieħed jew aktar mill-klassifiki speċifiċi surreferiti.

12. Illi huwa ċar li fil-każ odjern, Mark Pace ma jistax igawdi mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 537 minħabba l-fatt li l-allegat reat seħħ fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u mhux għaliex qed jiġi trattat differenti minħabba li jikkwalifika taħt waħda jew aktar mill-kategoriji surreferiti. Konsegwentement, ċertament ma seħħ u ma jista' jseħħ ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

13. Illi in kwantu għall-**Artikolu 14** tal-Konvenzjoni, jiġi mfakkar li fil-prinċipju, biex jinstab ksur taħt dan l-artikolu, jeħtieġ li jkun hemm ksur ta' wieħed jew aktar mid-drittijiet fundamentali

l-oħra marbut miegħu. L-Artikolu 14 huwa ferm aktar wiesgħa mill-Artikolu 45 hawn fuq imsemmi peress li jipproteġi kontra d-diskrimazzjoni li ssir abbażi anke ta' "*status ieħor*." Minħabba dan, il-lista fl-Artikolu 14 hi waħda indikattiva u mhux eżawrjenti. Kif ġie spjegat fis-sentenza ta' **Christopher Bartolo vs. L-Avukat tal-Istat**,[2] biex jingħad li persuna ġiet diskriminata, irid jirriżulta li:

a. jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn;

b. li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha;

c. u dan it-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; jew

d. jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat.

14. Illi ma hemm xejn x'jindika li Mark Pace ġie trattat b'mod differenti minn ħaddieħor minħabba l-i*status* tiegħu, u apparti minn hekk, l-Artikolu 13 tal-Kap. 537 japplika ugwalment għal kull min hu akkużat b'reat relatat mad-droga fil-ħabs. Lil hinn minn dan, l-Artikolu 13 tal-Kap. 537 mhuwiex diskriminatorju għaliex fondamentalment, hemm raġunijiet tajba, proporzjonati u raġonevoli li jiġġustifikaw l-eżistenza tiegħu. L-intenzjoni tal-Leġislatur fit-tfassil oriġinali u anke fl-emendi li sussegwentement

[2] Christopher Bartolo vs. L-Avukat tal-Istat, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April, 2022.

saru għall-Artikolu 13 kienet li ma testendix il-benefiċċji konċessi taħt il-Kap. 537 lil dawk il-persuni li jikkommettu reati relatati mad-droga meta jkun hemm ċirkostanzi speċjali fejn il-provvista tad-droga hi partikolarment ta' ħsara.

15. Illi għalkemm ir-riabilitazzjoni tal-priġuniera hi parti mill-pedament tas-sistema karċerarja tagħna, l-ikkastigar tar-reati xorta waħda iżda ma jistax jiġi skartat,[3] u waħda mill-funzjonijiet ta' sentenza karċerarja hi li tipproteġi lis-soċjetà billi, per eżempju, tipproteġi kontra *re-offending*.[4] Huwa għalhekk fatt rikonoxxut u aċċettat li f'ħabs, għandu jkun hemm regoli u restrizzjonijiet magħmula apposta sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet ta' kkastigar u riabilitazzjoni.

16. Illi dan ir-raġunament huwa rilevanti meta wieħed iqis l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537, mertu ta' dawn il-proċeduri. Hawnhekk, l-intenzjoni tal-Leġislatur kjarament kienet li dawk in-nies li b'xi mod jew ieħor jintroduċu d-droga fil-ħabs – **post ta' sigurtà stretta u ta' riabilitazzjoni għal kull min ikun detenut** – ma jgawdux minn piena baxxa kif jipprospetta il-Kap. 537. L-Artikolu 13(b) għalhekk jeżisti sabiex iservi ta' deterrent; kull min jitħajjar jiċċappas mad-droga fil-ħabs ma jistax jeħlisha ħafif bis-

[3] Murray v. L-Olanda (10511/10), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 26 ta' April, 2016.
[4] Mastromatteo v. L-Italja (37703/97), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 24 ta' Ottubru, 2002.

saħħa tal-Kap. 537. Din hi miżura raġjonevoli u proporzjonata 'l għaliex għalkemm il-Leġislatur ried joħloq sistema li tagħti ċans ieħor lil min ikun mess mad-droga, ma riedx jagħti *carte blanche* biex din tiġi estiża għal kulħadd u f'kull ċirkostanza, b'detriment għall-interessi ġenerali tas-soċjetà.

17. Illi għalkemm mhux rilevanti għall-każ odjern, tajjeb li wieħed jagħraf kif dan ir-raġunament huwa applikabbli fis-subartikolu (a) tal-Artikolu 13 tal-Kap. 537. F'dan is-subartikolu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma humiex estiżi għal min jipprovdi d-droga lil minorenni, nisa tqal, persuni li jkunu qegħdin isegwu programm ta' kura u riabilitazzjoni mid-dipendenza tad-droga jew meta dak ir-reat jiġi kommess fil-viċinanzi ta' postijiet li huma ffrekwentati miż-żgħażagħ. Kjarament, l-intenzjoni tal-Leġislatur hawn kienet li ma jestendix il-benefiċċji mogħtija mill-Kap. 537 lil dawk il-persuni li jesponu lil persuni vulnerabbli għad-droga.

18. Illi għalhekk, moqrija flimkien dawn is-subartikoli juru kif l-intezjoni tal-Leġislatur kjarament kienet li jillimita l-applikazzjoni tal-Kap. 537 f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ir-reati konnessi mad-droga huma ta' ħsara partikolari u għalhekk inħass li ma jkunx ġust li l-benefiċċji tal-Kap. 537 jingħataw lil dawk li jkunu kkawżaw dik il-ħsara.

19. Illi huwa għalhekk li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537 mhumiex diskriminatorji u bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

20. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.'

Rat li fil-verbal tad-19 ta' Jannar, 2023 din il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Il-Qorti rat ir-rikors ta' Mark Pace quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali datat 22 ta' Novembru 2022, rat l-ordni ta' referenza datat 5 ta' Diċembru 2022, rat l-eċċezzjoni numru 5 tal-Avukat tal-Istat. Timponi terminu ta' 20 jum fuq ir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jispeċifika l-artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li fuqu msejjes ir-rikors originali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali datat 22 ta' Novembru 2022.

L-Avukat tal-Istat ikollu terminu ta' 20 jum sabiex jekk ikun il-każ jipprezenta risposta ulterjuri.'

Rat li konsegwenza tas-suespost fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2023 r-rikorrent iddikjara illi:

‘t-talba li qegħda ssir hija sabiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-Artikolu 13 B tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa leziv għad-drittijiet fundamentali tiegħu kif salvagwardjati mill-Artikolu 6, 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.’

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. ‘In kwantu għall-allegat ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Protokoll Tnax** tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan huwa applikabbli għall-każ odjern. Fl-Artikolu 12 tal-Kap. 319, it-tifsiriet mogħtija għat-termini “*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali*” u “*Konvenzjoni*” jagħmlu referenza biss għall-Konvenzjoni nnifsha u l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba’, il-Ħames, is-Sitt u s-Seba’ Protokolli. Apparti minn hekk, l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 ma tagħmel ebda referenza għat-Tnax-il Protokoll. Il-konsegwenza ta’ dan kollu huwa li Mark Pace ma jistax jinvoka l-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll billi dan ma jiffurmax parti mil-Liġi Maltija.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jirreferi għall-eċċezzjonijiet diġà magħmula in kwantu għall-allegat diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li dawn huma applikabbli wkoll għall-Ewwel Artikolu tal-Protokoll Tnax.

3. In kwantu għall-allegat ksur tal-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni u l-**Artikolu 39** tal-Kostituzzjoni, minn qari tar-rikors għal referenza kostituzzjonali ta' Mark Pace, hu allega li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 537 huma leżivi tal-preżunzjoni tal-innoċenza, liema prinċipju legali huwa mħares speċifikament mill-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Dan l-argument huwa manifestament żbaljat. L-ewwelnett, ma ġiet espressa ebda opinjoni ta' ħtija fil-konfront ta' Mark Pace minħabba l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537, u l-istess Artikolu 13(b) ma jippreżumix ħtija tal-persuna. L-Artikolu 13(b) jirreferi biss għal stat ta' fatt; kundizzjoni li trid tiġi sodisfatta biex qorti b'kompetenza kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, u cioè jekk l-allegat reat ikun seħħ ġo jew għandu x'jaqsam ma' ħabs. Dan l-artikolu b'ebda mod ma jwassal għal, jew jitlob li jkun hemm, ġudizzju dwar il-ħtija u meno tiegħu (ara f'dan is-sens, **Ryan Refalo vs. Avukat tal-Istat**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 30 ta' Novembru, 2022, sentenza appellata). Ma saret ebda allegazzjoni oħra ta' kif id-dritt għal smigħ xieraq seta' ġie vjolat, però fi kwalunkwe każ, l-esponent jirrespinġi kwalsiasi allegazzjoni f'dan is-sens bħala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż.'

Rat id-dokumentazzjoni tal-atti kriminali miġjuba fil-konfront tar-rikorrent kemm fl-atti tar-rikors odjern kif ukoll il-proċess kollu tal-atti kriminali li ġie allegat mal-proċess odjern.

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' April, 2023 ir-rikors ġie differit għal-lum għad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-lanjanza tar-rikorrent Mark Pace hija fis-sens illi wara li huwa nstab ħati ta' pusses ta' droga fil-prim'istanza u ġie kkundannat sitt xhur prigunerija, fil-mori tal-appell huwa talab li dik il-Qotri ttih il-fakolta' li jissolleva din il-lanzjanza kostituzzjonali abbazi li huwa prekluż mill-ligi milli jitlob li l-Qorti Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-akkuzi fil-konfront tiegħu jirrelataw ma' pussess ta' droga fil-konfini ta' Faċilita' Korrettiva. Dan għaliex l-artikolu 13 (b) tal-Kap. 537 jeskludi l-applikabilita' tiegħu kull 'fejn ir-reat kontra l-ligijiet ta' droga huwa wiehed imwettaq fi jew fir-rigward ta'

faċilita' korrettiva.' Isostni li dan imur kontra l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza u kif ukoll fin-natura tiegħu huwa kjarament disrkiminatorju u konsegwentement jallega leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq. Apparti l-lezjoni minhabba l-presunzjoni tal-innocenza, jsostni li l–liġi tiddiskrimina bejn persuni akkuzti b'reati konnessi ma' droga barra mill-konfini ta' facilita' korrettiva li jistgħu jagħmlu t-talba għall-konversjoni u dawk li allegatament ir-reat ikkomettewh gewwa facilita' korrettiva u dan minkejja li jkunu jissodisfaw ir-rekwiziti l-oħra kollha stipulati fl-Att. Għalhekk isostni li l-Qorti Kriminali qed tiġi mwaqqfa milli tikkonverti ruħha f'mument fejn l-akkużat jkun għadu preżunt innoċenti irrilevantament mill-allegazzjoni li r-reat ikun suppost seħħ f'facilita' korrettiva. Jsostni għalhekk allegat ksur tal-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jippovdu għall-jedd fundamentali tal-presunzjoni tal-innoċenza. Jagħmel ukoll referenza għall-artikolu 45 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jaqra li ebda ligi ma għandha tagħmel xi diposizzjoni li tkun disrkiminatojra sew fiha nfisha jew fl-effetti tagħha. Izid referenza għall-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jsostni li jipprovdi li jekk xi ligi ohra tkun inknistenti mal-Kostituzzjoni din tal-ahhar għandha tipprevali. Jagħmel ukoll referenza għall-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Protokol Numru 12 tal-istess li fi kliem ir-rikorrent jiggarantixxu l-jedd li ħadd ma

jkun diskriminat bl-ebda mod. Jemfasizza ulterjorment li l-prinipju ta' rijabilitazzjoni li jemani mill-Att. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux prigunerija), għandu japplika b'mod indiskriminat għal kull persuna imputat li tissodisfa r-rekwiżiti rrispettivament dwar il-post li fih seħħ l-allegat reat.

L-Avukat tal-Istat fl-ewwel risposta tiegħu iqajjem l-eċċezzjoni li r-referenza tal-Qorti Kriminali ma tissodisfax ir-rekwiżiti fil-liġi għaliex ma tindikax id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fl-istess digriet b'dana li allura indika li din il-Qorti kellha terġa tirrinvija l-atti lill-Qorti Kriminali. Fir-risposta tiegħu fil-mertu sostna li mhux minnu li qed isseħħ xi tip ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent Mark Pace riżultat tal-applikazzjoni tal-artikolu 13 (b) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u jemfasizza li tali distinzjoni ssir biss sabiex tiskoragixxi ċertu aġir fil-Faċilita' Korrettiva. F'dan l-istadju rriserva li jagħmel risposta ulterjuri. Fil-fatt in via ta' soluzzjoni għal din l-eċċezzjoni l-Qorti awtoriżżat lir-rikorrent jindika l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li fuqhom qed isejjez il-pretensjonijiet tiegħu u wara li dan sar, kif ġia suespost, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi l-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli għar-raguni li dan ma ġiex addottat fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiċhad ukoll li l-artikolu

13 (b) huwa leżiv tal-preżunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent għaliex skontu dan l-artikolu ma jwassal għal ebda ġudizzju dwar ħtija izda jimponi biss kundizzjoni li trid tiġi sodisfatta sabiex ikun jista' japplika l-Kap. 537 u cioe' li l-allegat reat ikun seħħ ġewwa Faċilita' Korrettiva.

Rat il-vera kopja tal-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat tal-Kamra tad-Deputati relattivi għall-Abbozz ta' Ligi dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux prigunerija) – Abbozz Nru 76 a fol. 160 et seq tal-process u ħadet nota tal-kontenut.

Rat l-atti kollha kriminali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-każ odjern huwa pjuttost wieħed sempliċi għaliex ir-rikorrent Mark Pace qed isostni li fejn il-liġi fl-artikolu 13 (b) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta qed timponi kundizzjoni li jekk ir-reat iseħħ ġewwa Faċilita' Korrettiva allura l-possibilita' li l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga għal skop ta' rijabilitazzjoni hija eskluża, hija lesiva tad-dritt fundamentali tiegħu għall-presunzjoni tal-innocenza kif ukoll tikrea diskriminazzjoni li wkoll hija lesiva tad-dritt fundamentali tiegħu li ma jiġix diskriminat.

Illi l-artikolu 13 tal-Kap. 537 tal-Att dwar dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux prigunerija), jaqra specifikatament kif isegwi:

'13.Dan l-Att m'għandux japplika:

(a) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

(b) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.'

<u>Il-presunzjoni tal-innoċenza:</u>

Illi fuq il-presunzjoni tal-innoċenza il-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza fl-ismijiet **Barbera Messegue' and Jabardo vs Spain** datata 13 ta' Gunju, 1994 saħqet illi:

'77. Paragraph 2 (art. 6-2) embodies the principle of presumption of innocence. It requires, inter alia, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosection, and any doubt should benefit the accused. It also follows that it is for the prosecution to inform the accused of the case that will be made against him, so that he may prepare and present his defence accordingly, and to adduce evidence sufficient to convict him.'

Illi in oltre l-istess Qorti fis-sentenza **Minelli v. Switzerland** (fn. 2 25 ta' Marzu 1983) ddikjarat illi:

'37. In the Court's judgment, the presumption of innocence will be violated if, without the accused's having previously been proved guilty according to law and, notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty. This may be so even in the absence of any formal finding; it suffices that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty.'

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Nerattini v. Greece** (fn. 3 18 ta' Diċembru 2008) gie dikjarat illi:

'23. The Court reiterates that the Convention must be interpreted in such a way as to guarantee rigħts which are practical and effective as opposed to being theoretical and illusory. That also applies to the rigħt enshrined in Article 6 § 2 (Allenet de Ribemont v. France, 10 February 1995, § 35, Series A no. 308). According to the Court's case-law, the presumption of innocence will be violated if, without the accused having previously been proved guilty according to law and, notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty. This may be so even in the absence of any formal finding; it suffices that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty (Minelli v. Switzerland, 25 March 1983§ 37, Series A no. 62).'

Illi fl-applikazzjoni tal-artikolu 13 (b) tal-Kap. 537 in kontestazzjoni fil-kaz odjern, sabiex Qorti Kriminali tiddeciedi talba tal-akkuzat dwar jekk għandhiex tikkonverti ruħha jew le f'Qorti tad-Droga dik il-Qorti trid bilfors tponi lilha nnifisha l-kwezit li timponi l-ligi u cioe' jekk ir-reat li bih huwa akkuzat seħħx fi kliem il-liġi:

'fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed **<u>imwettaq fi</u>** jew **<u>fir-rigward</u>** ta' faċilità korrettiva.' (Emfasi ta' din il-Qorti)_

Il-liġi għalhekk mingħajr ebda ezitazzjoni qed titlob lill-ġudikant iwettaq ezerċizzju fejn jirrikonoxxi li r-reat dwar id-droga ġie mwettaq (*mhux allegatament gie mwettaq*) fi jew fir-rigward ta' facilita' korrettiva u dan fi stadju tal-proċeduri fejn l-akkuzat huwa preżunt innocenti. Din il-Qorti tqis li fil-mument li l-Qorti Kriminali hija rikjesta mil-liġi li tiddeċiedi li r-reat ġie mwettaq ġewwa facilita' korrettiva jew rigward faċilita' korrettiva, u dan ai fini tad-deċizjoni tagħha dwar jekk għandhiex tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga jew le, allura palesement, anki jekk mhux neċċessarjament għax tkun trid, dik il-Qorti tkun qed tesprimi ruħha dwar l-innoċenza u meno tal-akkużat qabel ir-rizoluzzjoni u d-deċizjoni finali tal-każ, appuntu kif il-ġurisprudenza suesposta tiddeskrivi bhala:

'a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty'.

Dan evidentement jikser il-presunzjoni tal-innoċenza tal-akkuzat, fil-kaz odjern dak ta' Mark Pace, anki fit-termini tal-ġurisprudenza ta' Strasburgu suesposta.

Illi għall-kuntrarju ta' dak espost mill-Avukat tal-Istat mhux minnu li l-artikolu 13 (b) ma jwassal għal ebda ġudizzju ta' ħtija qabel il-waqt għaliex skonthu jirreferi għal 'allegat' reat, dan għaliex il-kelma allegat ma hi mniżżla mkien u l-kliem użat fih iġiegħel lill-ġudikant li jasal għal tali ġudizzju qabel il-waqt.

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem li ċertament l-iskop tal-Leġislatur wara dan l-artikolu kien li jservi ta' deterrent sabiex dawn it-tipi ta' reati ma jseħħux ġewwa jew rigward faċilita' korrettiva, il-mod kif dan id-deterrent ġie applikat fil-liġi qed iservi ta' leżjoni tad-dritt għall-presunzjoni tal-innoċenza u huwa għalhekk bi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent Mark Pace fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-leġislatur għandu jsib mod ieħor kif, jekk għandu jigi mpost deterrent marbut mal-post fejn isehh ir-reat, dan id-deterrent jiġi mpost mad-deċizjoni finali ta' ħtija u mhux qabel u wkoll mhux a skapitu tal-possibilita' ta' rijabilitazzjoni tal-persuna akkużata, għaliex fuq kollox dan huwa l-iskop prinċipali tal-Att. 537 tal-Liġijiiet ta' Malta.

<u>Diskriminazzjoni:</u>

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle . . .** jispjegaw illi:

"the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any ground such as ...') and the final one ('or other status') is open-ended";

Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza **Kafkaris vs Ċipru** (12 ta' Frar, 2008) iddikjarat kif isegwi:

"a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the riġhts and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-mater and its

background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court".'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gauci vs. Avukat Generali** datata l-1 ta' Diċembru, 2019 mogħtija mill-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha ġie dikjarat illi sabiex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-Qorti trid tara jekk:

(1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni,
(2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah,
(3) din id-differenza kinitx bil-hsieb li jintlaħaq għan legittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlahaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx mehtieg li jkun hemm dik id-differenza biex jintlahaq dak il-għan.

Iżżid illi huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma *placed in analogous situations*.

Illi fil-każ odjern ir-rikorrent Mark Pace isostni li huwa allegatament qed jiġi diskriminat għar-raguni li ma jistax jusufruwixxi mill-Kap. 537 u jitlob lill-Qorti Kriminali tikkonverti

ruħha f'Qorti tad-Droga għaliex il-liġi teskludi dan f'każ li r-reat ikun suppost seħħ ġewwa faċilita' korrettiva. Illi jirriżulta li din il-limitazzjoni tapplika l-istess għal kull min ikun jinsab detenut ġewwa faċilita' korrettiva jew allegatament wettaq ir-reat rigward faċilita' korrettiva filwaqt li ma tapplikax għal persuni oħra akkużati bl-istess reat iżda mhux ġewwa jew rigward faċilita' korrettiva. Minn dan il-lat jirriżulta li qed isseħħ diskriminazzjoni bejn persuni li jwettqu reati ta' droga ġewwa jew rigward faċilita' korrettiva u dawk li jwettqu l-istess reati f'post ieħor.

Illi jirriżulta lill-Qorti li din id-distinzjoni ssir sabiex isservi ta' deterrent fil-konfront ta' priġunieri sabiex ma jwettqux reati appuntu ġewwa facilita' korrettiva fejn il-bżonn ta' dixxiplina huwa predominanti u kruċjali u wkoll sabiex tiskoraġixxi persuni milli jwettqu dawn ir-reati rigward faċilita' korrettiva għall-istess raġunijiet. Jirriżulta għalhekk li l-element tal-għan leġittimu huwa sodisfatt. Jonqos biss li jiġi deċiż il-grad ta' proporzjonalita' fid-differenza fit-trattament hux ġust.

Illli din il-Qorti f'dan l-istadju tqajjem il-kweżit jekk huwiex ġust u proporzjonat li persuna li tinsab miżmuma f'facilita' korrettiva jew wettqet reat ta' droga rigward faċilita' korrettiva li tiġi mċaħħda mill-possibilita' ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fit-termini tal-Kap. 537 (u t-termini aktar favoreli li tagħti dik il-ligi), filwaqt li

persuna li kkommettiet l-istess reat, iżda mhux ġewwa facilita' korrettiva, tista' tusufruwixxi mingħajr restrizzjoni mill-possibilita' ta' riabilitazzjoni taħt l-istess Kap? Huwa ġust li l-liġi, bl-iskuza tad-deterrent, tiprojbixxi l-possibilita' li persuna tirriabilita' ruħha mill-vizzju qerriedi tad-droga? Effettivament il-Qorti tqis li dan huwa dak li qed iseħħ bl-applikazzjoni tal-artikolu 13 (b) u dan bl-iskuza li tali restrizzjoni għandha sservi ta' deterrent.

Din il-Qorti tinsab ċerta li l-leġislatur jista' jaħseb f'diversi modi oħra kif persuna jista' jkollu deterrent milli jwettaq tali reat ta' droga f'faċilita' korrettiva jew rigward faċilita' korrettiva mingħajr ma jilledi l-possibilita' ta' riabilitazzjoni, li fuq kollox jekk isseħħ tkun ta' benefiċċju kemm għall-persuna stess kif ukoll għas-soċjeta' in ġenerali. Eżempju faċli huwa li jkun hemm aggravant li japplika mal-għoti tal-piena. F'dawn iċ-ċirkustanzi allura l-Qorti tqis li verament id-diskriminazzjoni in kontestazzjoni mihiex waħda proporzjonata anzi hija waħda ferm eccessiva u twassal għal-leżjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni (kif ukoll abbinat mal-artikolu 6 (2)) li tiegħu gia nstabet il-leżjoni f'din id-deċiżjoni) kif ukoll tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Deċizjoni:**

Illi in vista tas-suespost din il-Qorti ser tgħaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din ir-referenza kostituzzjonali kif isegwi:

(i) tiċħad ir-risposti tal-Avukat tal-Istat ħlief għal dik il-parti li tirreferi għall-ewwel artikolu tat-Tnax-il protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

(ii) tiddikjara li l-prinċipju ta' rijabilitazzjonmi li fuqu huwa msejjes l-Att 537, Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux priġunerija), għandu japplika b'mod indiskriminanti għal kull persuna imputata li tissodifsa r-rekwiżiti stipulati fl-istess Att u cioe' rrispettivament mill-fatt jekk dak li jkun ikunx akkużat li kkommetta r-reat rigward jew ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew Le. Iżżid li l-applikazzjoni tal-artikolu 13 (b) tal-Kap. 537 kif presentement redatt huwa leżiv tal-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq specifikatament il-jedd għall-presunzjoni tal-innoċenza (fit-termini tal-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u huwa leżiv wkoll tal-artikolu 14 kif abbinat ukoll mal-istess artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li jiprojbixxu d-diskriminazzjoni.

(iii) Tiċħad ir-referenza limitatament għal dik il-parti fejn ir-rikorrent Mark Pace għamel referenza għall-artikolu 1 tal-Protokoll

numru 12 tal-Konvenzjoni stante li dan ma jifformax parti mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Tordna li kopja ta' din id-decizjoni tiġi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali u wkoll lill-Qorti Kriminali li għamlet ir-referenza, kif ukoll stante li nstabet il-lezjoni tordna notifikata tagħha lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, dawn kollha wara li ssir *res judicata.* Tordna wkoll li l-atti kriminali annessi jiġu ritornati lill-Qorti Kriminali mal-iskadenza tat-terminu tal-appell.

Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjez għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Lulju 2023**